



Ġabra tal-ġurisprudenza

Kawża C-615/10

Insinööriomisto InsTiimi Oy

(talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Korkein hallinto-oikeus)

“Direttiva 2004/18/KE — Kuntratti pubbliċi fil-qasam tad-difiża — Artikolu 10 — Artikolu 296(1)(b) KE — Protezzjoni tal-interessi vitali tas-sigurtà ta’ Stat Membru — Kummerċ fl-armi, munizzjon u materjal tal-gwerra — Prodott akkwistat minn awtorità kontraenti għal skopijiet speċifikament militari — Eżistenza, għal dak li jirrigwarda dan il-prodott, ta’ possibbiltà ta’ applikazzjoni ċivili simili ħafna — Tagħmir tat-turtable (‘tiltable turtable’) għall-kejl elettromanjetiku — Assenza ta’ sejħa għal offerti b’mod konformi mal-proċeduri previsti mid-Direttiva 2004/18”

Sommarju tas-sentenza

Approssimazzjoni tal-leġiżlazzjonijiet — Proċeduri għall-għoti ta’ kuntratti pubbliċi għal xogħlijiet, għal provvisti u għal servizzi — Direttiva 2004/18 — Kamp ta’ applikazzjoni — Kuntratti fil-qasam tad-difiża

(Artikolu 296(1)(b) KE; Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 2004/18, Artikolu 10)

L-Artikolu 10 tad-Direttiva 2004/18, fuq kordinazzjoni ta’ proċeduri għall-għoti ta’ kuntratti għal xogħlijiet pubbliċi, kuntratti għal provvisti pubbliċi u kuntratti għal servizzi pubbliċi [kuntratti pubbliċi għal xogħlijiet, għal provvisti u għal servizzi], moqri flimkien mal-Artikolu 296(1)(b) KE, għandu jiġi interpretat fis-sens li jawtorizza Stat Membru sabiex jevita l-proċeduri previsti mill-imsemmija direttiva għal kuntratt pubbliku mogħti minn awtorità kontraenti fil-qasam tad-difiża għall-akkwist ta’ materjal li, għalkemm intiż għal skopijiet speċifikament militari, għandu wkoll possibbiltajiet ta’ applikazzjoni ċivili essenzjalment simili biss jekk dan il-materjal, permezz tal-karatteristiċi proprji tiegħu, jista’ jiġi meqjus bħala speċjalment disinjat u żviluppat, inkluż b’konsegwenza ta’ modifiki sostanzjali, għal tali għanijiet, li hija ħaġa li għandha tiġi vverifikata mill-qorti tar-rinviju.

(ara l-punt 46 u d-dispożittiv)